**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 317/2015**

**Brian Farrugia (K.I. 11171M)**

**vs**

**Redeemer Casha (K.I. 500390M)**

**Illum, 14 ta' Frar 2018**

Il-Qorti;

Rat r-rikors tal-attur li talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas:

> is-somma ta' ghaxar t'elef, tlett mija u hamsa u sittin ewro (€10,365) rapprezentanti diversi affarijiet u oggetti li inti tlabt lill-istess attur jixtri u jhallas f'ismek, kif ser jigi ppruvat, liema ammont inti qieghed tirrifjuta li thallas lura lil attur.
>
> Bl-ispejjez u nteressi skont il-Ligi. Il-konvenut sa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ukoll ir-risposta tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament jinghad li din l-azzjoni hija intempestiva u inammissibbli fil-konfront tal-intimat minhabba li din l-azzjoni ma gietx preceduta minn ittra ufficcjali jew minn ittra legali;

2. Illi in vena preliminari wkoll din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni biex tisma' din il-kawza, u dan minhabba l-valur tal-oggett fil-kawza ai termini ta' l-Artikolu 746 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, it-talba tar-rikorrenti huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u dan kif ser jigi ppruvat matul il-kors tal-kawza;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikkorrenti ingunti minn issa in subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawza ghall-hlas ta’ ammont allegatament dovut fl-ammont ta’ ghaxart elef tlett mija u hamsa u sittin Ewro (€10,365) li r-rikorrent jghid li nefaq fuq inkarigu tal-intimat. L-intimat jeccepixxi li l-kawza hija ntempestiva ghaliex qabel saret il-kawza ma saritx interpellanzi ghall-hlas; in-nuqqas ta’ kompetenza ta’ din il-Qorti u li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

It-tieni eccezzjoni tan-nuqqas ta’ kompetenza ta’ din il-Qorti giet irtirata fis-seduta tas-17 ta’ Frar 2016 u ghalhekk il-Qorti mhux se tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Ir-rikorrent qed jirreklama dan l-ammont minn ghand l-intimat wara li hadmu karru tal-Karnival bejniethom. Ma saret l-ebda skrittura biex tirregola l-ftehim bejn il-partijiet. Hemm qbil però bejn il-partijiet li kien sar ftehim bejniethom biex jinbena dan il-karru fejn ir-rikorrent kellu jixtri l-materja prima u l-intimat ihallsu taghha. M’hemmx qbil pero illi l-ammont mitlub fil-kawza kien fil-fatt dovut.

Ir-rikorrent ma ressaq l-ebda ricevuta biex jissostanzja t-talba tieghu, lanqas ma ressaq xi rendikont li juri kif wasal ghas-somma li qed jitlob. Fix-xhieda tieghu a folio 16 et sequitur tal-process, ir-rikorrent jikkonferma li hu kien ircieva xi hlasijiet minn ghand l-intimat. A folio 18 jghid li kien ircieva s-somma ta’ €2,470 minn ghand l-intimat u somma ohra ta’ €833. Dawn jaghmlu total ta’ €3,303.

L-intimat jichad li r-rikorrent qatt urielu xi ricevuti tas-somma mitluba minnu. Jghid li l-materjal li xtara r-rikorrent qieghed migbur f’kamra fil-

mahzen, u cioè dak il-materjal li seta’ jerfa’. U r-rikorrent jista’ jmur jiehdu x’hin irid.

L-intimat xehed a folio 11 et sequitur tal-process. A folio 12 l-intimat jghid: “Qed nigi mistoqsi wkoll fl-opinjoni tieghi kemm nahseb li ghandu jiehu tal-materjal u nghid illi jiena ma rajtx kontijiet, ghax kif ghidt il-karti u d-dokumenti kien izommhom hu pero’ fl-opinjoni tieghi m’ghandux jiehu aktar minn tmint’elef Ewro.”

A folio 11 tal-process l-intimat jghid: “... nispjega illi fil-fatt konna morna f’okkazjoni wahda quddiem Nutar jiena u l-papa tieghi flimkien mar-rikorrent, però dakinhar ir-rikorrent kien qieghed jippretendi cifri illi ahna ma konniex qeghdin naqblu maghhom u fil-fatt hemmhekk ghand in-Nutar m’ghamilna xejn....”.

Illi jirrizulta ghalhekk illi n-nuqqas ta’ qbil kien fuq l-ammont illi kien qed jintalab mir-rikorrent.

Illi kif gia ntqal ir-rikorrent ma gab l-ebda prova ta’ kif wasal ghall-ammont li qed jitlob minn ghand l-intimat. L-intimat però jammetti li fl-opinjoni tieghu r-rikorrent ghandu jiehu tmint’elef Ewro. Minn dan l-ammont ghalhekk ghandha titnaqqas is-somma ta’ tlett’elef tlett mija u tlett Ewro li r-rikorrent jghid li gia rcieva minn ghand l-intimat. Il-bilanc ta’ erbat elef, sitt mija u sebgha u disghin Ewro ghalhekk ghadu dovut mill-intimat lir-rikorrent.

Ir-rikorrent ma gab l-ebda prova li qabel il-kawza nterpella lill-intimat ghall-hlas. L-intimat jikkonferma li qabel il-kawza ma rcieva l-ebda interpellazzjoni jew talba ghall-hlas.

Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba tar-rikorrent limitatament fis-somma ta' erbat elef, sitt mija u sebgha u disghin Ewro (€4,697) ghar-ragunijiet fuq spjegati, bl-imghax skond il-ligi mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament. B'dana illi ladarba jsir tali hlas ir-rikorrent ma jibqaghlu l-ebda jedd fuq il-materjal li r-rikorrent halla warajh fil-mahzen u tali materjal isir proprjetà tal-intimat. Spejjez tal-prezenti procedura nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur